Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 19/2010 & 31/2010

Il-Pulizija

(Spt. Angelo Gafa`)

Vs

Richard Micallef

Illum 31 ta' Jannar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzai dedotta kontra l-appellant Richard Micallef, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 584159M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) F' dawn il- Gzejjer, f' Settembru tas- sena 2006 u fix- xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- rad tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu flus tal- Awtorita' Dwar il- Medicini, liema flus jeccedu l- wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm71, 000), u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministarazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l- Ligi, b′ mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′ qerq iehor, inganna jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen, l- ezistenza ta′ intrapizi foloz, jew ta′ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l- wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm 71, 000) ghad- dannu tal- Awtorita′ Dwar il- Medicini;

3) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku impjegat mal- Awtorita′ Dwar il- Medicini, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazing minn flejjes tal- Gvern jew tal- privat, karti ta′ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l- kariga jew impieg tieghu, jew serqhom u cioe′ l- ammont ta′ wiehed u sebghin elf lira Maltin (Lm 71, 000);

4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f′ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta′ bank privat, b′ falsifikazzjoni jew b′ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f′ dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihomo jew kellhom jippruvaw;

5) U aktar tali fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6) Kif ukoll talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7) U aktar talli b' hekk ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) b' sentenza taghha ta' nhar it- 18 ta' Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 127, 183, 184, 189, 49, 50, 190, 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 7 u 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tal-ewwel, ir-raba`, l-hames u s-sitt imputazzjoni u bl-assorbiment tal-piena kkundannatu terminu ta' prigunerija ta' tlitt snin.
Ordnat lill-appellat ihallas is-somma ta' mija w hamsa w sittin elf Euro lill-Awtorita` dwar il-Medicini ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, peress illi dawn inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.
Ma sabitx lill-appellat hati tas-sena' imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnha.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal- Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel, ir-raba`, l-hames u s-sitt imputazzjoni u kkundannatu jhallas is-somma ta' mija w hamsa w sitten elf Euro lill-Awtorita` dwar il-Medicini, tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, lliberat lill-appellat mis-seba` imputazzjoni u tat piena ta' prigunerija fil-minimu meta kellha kull intenzjoni li taghti piena fil-massimu, u minflok tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u ssib lill-appellat hati taghhom, issib lill-appellat hati tas-seba` imputazzjoni, tinfliggi piena ta' prigunerija mill-gdid ghall-akkuzi kollha skond il-ligi vicin il-massimu, kif ukoll tordna li jkun hemm l-interdizzjoni generali perpetwa kontra l-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellant ma giex misjub hati tas-seba' imputazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, tikkonfermaha in kwantu gie misjub hati ghar-rigward tal-ewwel, ir-raba`, l-hames u s-sitt imputazzjoni, u tirrevokaha kwantu giet imposta fuqu piena ta' tlett snin prigunerija bl-obbligazzjoni li jhallas lill-Awtorita` dwar il-Medicini s-somma ta' mija w hamsa w sittin elf Euro u li tilliberah minn l-obbligu li jhallas lill-Awtorita` dwar il-Medicini s-somma indikata w li tvarja l-piena ta' prigunerija nflitta, ghal piena ohra, aktar ekwa w gusta jew ghal perjodu ta' prigunerija anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali li jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjoni bir-ragunament li dawn inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-appellat imputat gie akkuzat ta' sitt reati differenti li jaqghu taht il-kappa ta' reati ekonomici. Illi dawn ir-reati huma kollha distinti, separati u individwali minn xulxin u l-element u n-tnatura tal-prova formali u legali taghhom taghtihom natura differenti minn xulxin u m'humiex alternattivi ta' xulxin specjalment it-tieni u t-tielet reat in kwantu jekk jigu mqabbla mal-ewwel reat ta' appropjazzjoni indebita kif ghamlet erronjament l-Ewwel Qorti.

Illi r-reati ta' approprjazzjoni indebita u frodi huma distinti u separati minn xulxin u l-ewwel Qorti kienet obbligata li titratthom b'mod separat u individwali u taghti verdett ta' htija fil-konfront ta' kull reat individwalment.

Illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti enfasizzat fuq il-mertu tar-reat ta' approprjazzjoni indebita minghajr ma dahlet fl-elementi legali fid-dettall ta' kwalifici foloz u l-frodi ghalkemm l-ewwel Qorti kellha l-ammissjoni tal-appellat imputat biex isahhu l-htija tal-appellat imputat.

Ilkli sabiex it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni irid ikun manifestament car li hawnhekk si tratt ta' fatt wiehed, rizultanti mill-istess, b'intenzjoni kriminali unika, mentri hwanhekk ghalkemm si tratt ta' reat kontinwat peress li r-reati saru tul perjodu ta' zmien ghandha konkors ta' reati differenti li b'ezami studjat tac-cirkostanzi u l-provi jirrizulta li dawn huma individwali u distinti minn xulxin.

Illi l-Onorabbli Qorti diversi drabi espremiet ruha f'dan ir-rigward, partikolarment fil-kaz Il-Pulizija vs omissis fejn l-Onorabbli Qorti stqarret b'mod korrett:

*"It-teorija tal-assorbiment hija wahda li tirrigwarda biss il-piena imma mhux l-ezistenza o meno tal-akkuza jew tar-reat . Di fatti dan il-koncett insibuh biss fl-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati w pieni. Is-subinciz (h) tal-artikolu 17 jiddisponi li meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt kwalifikat , iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet htija ghaz-zewg reati jew aktar kontra l-hati w mhux li reat jikkancella l-ezistenza ta' xi reat iehor li jkun serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess r-reat . Hija biss ghall-fini ta' piena li r-reat li serva bhala mezz ghall-fini ma jittiehedx in konsiderazzjoni , imma dikjarazzjoni ta' htija dwaru jkun hemm dejjem u ghalhekk dar-reat ikun jezisti w jakkompanja lir-reat l-iehor."*

Illi dan il-punt kien diga' tqajjem darba ohra fil-kaz Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia u Patrick Farrugia:

*"Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un*

*reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave". Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' ragion fattasi minn naha l-ohra, iz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor."*

Illi dan il-fatt li t-tieni u t-tielet imputazzjoni ma jistghux jigu kkonsidrati bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni huwa simili, ghalkemm mhux identiku, fir-regola tal-common law Ingliza dwar il-verdetti alternattivi:

*"At common law conviction of a lesser offence than that charged was permissible provided taht the definition of the greater offence necessarily included the definition of the lesser offence, and that both offences were of the same degree, ie. Felony or misdemeanour"*

*"At common law, a jury could find an accused guilty of a lesser offence if the definition of the greater offence charged necessarily included the definition of the lesser"*

Illi t-tieni aggravju huwa illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellat mis-seba` imputazzjoni stante li din l-imputazzjoni giet ippruvata.

Illi l-appellat imputat gie akkuzat talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha nhar it-18 ta' Jannar, 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi din is-sentenza hija esebita in atti u nhar id-29 ta' Novembru, 2007 id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci xhud tal-identita' fir-rigward is-sentenza. Illi minkejja din l-ezenzjoni, il-fedina penali tal-appellat imputat tikkonferma dan l-istat ta' fatt. Is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Il-Pulizija vs Josef Abela ssostni l-fatt li l-fedina penali hija bizzejjed sabiex tikkonferma s-stat ta' recidiv tal-imputat.

Illi s-sentenza in kwistjoni tat-18 ta' Jannar, 2006 kiene ta' tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena. Illi r-reati gew kommessi f'Settembru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel. Illi prima facie jidher b'mod assolutament car kif ukoll b'kalkolu matematiku semplici li-reati saru fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u li sa Settembru 2006

l-appellant imputat kien ghadu fil-perjodu operattiv fejn ma kellux iwettaq reati ohra!

Izda minkejja dan il-fatt ovju, l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat imputat mis-seba' imputazzjoni minkejja l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrijiet rigward il-perjodu ta' zmien meta r-reati gew kommessi, liema ammissjoni, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni fis-sentenzi taghha.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti spjegat il-liberazzjoni ta' dan ir-reat fil-kuntest ta' appropjazzjoni indebita biss minkejja li l-appellat imputat kien instab hati ta' reati ohrajn li saru fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza:

*"Dik is-sentenza hi datata 18 ta' Jannar, 2006, meta mill-provi prodotti rrizulta li r-reat ta' misappropjazzjoni zgur li kien gia beda fi Frar, 2005, jigifieri kwazi sena qabel ma nghatat dik is-sentenza, u peress illi dan hu reat wiehed kontinwat, ma jistax jigi misjub hati wkoll li kiser id-disposizzjonijiet ta' dik is-sentenza"*

Izda fil-paragrafu precedenti l-ewwel Qorti stqarret fatt kompletament oppost!

*"Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li minn xi zmien fl-2005 sa Ottubru 2006, l-imputat misappropja xejn inqas minn Lm 71,000..."*

Illi jidher b'mod car li l-ewwel Qorti bejn dawn iz-zewg paragrafi kompletament stqarret punti kontradittorji ghall-ahhar. Minn naha wahda l-ewwel Qorti qeda tiggustifika l-liberazzjoni ghaliex qieghda taqghti lir-reat ta' appropjazzjoni indebita l-interpretazzjoni tar-reat komplut u mhux ta' wiehed kontinwat. Izda, imbghad fl-istess nifs l-ewwel Qorti stess tiddikjara r-reat bhala wiehed kontinwat u li hija certa mill-provi u in vista tal-ammissjoni tal-appelalt imputat lir-reat kien qieghed isir definittivament sa Ottubru, 2006.

Illi l-appellat imputat gie misjub hati mill-ewwel Qorti fuq il-perjodu ta' Settembru, 2006 u x-xhur ta' qabel u mhux specifikament xi data qabel it-18 ta' Jannar, 2006, allura ir-ragunament tal-ewwel Qorti huwa kompletament *unsafe and unsatisfactory* u kellha ssibhu hati tas-seba' imputazjoni.

Illi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu*

*bhal reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi."*

Illi l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Ghar-reati kkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum tal-konsumazzjoni; ghall-attentati, mill-jum li fih isir l-ahhar att ta' esekuzzjoni; ghar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi u ghar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.*

Illi di piu huwa car u ovvju li l-interpretazzjoni tal-kwalifika ta' reat kontinwat japplika ghal dan il-kaz u skond kif ikkonfermat l-ewwel Qorti r-reati kienu ghandhom qeghdin isiru sa Ottubru, 2006.

Illi l-fatt li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li dawn huma reati kontinwati fis-sentenza jwassal ghal konkluzjoni semplici u logika li dawn ir-reati kollha saru fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u li l-ewwel Qorti kellha ssib l-appellat imputat hati tas-seba' imputazzjoni.

Illi t-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 127 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza taghha.

Illi l-Onorabbli Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvediment tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din it-talba saret ukoll permezz tal-artikoli 127 u 190 citati mill-Avukat Generali, liema artikoli l-Onorabbli Qorti qrat fil-Qorti nhar is-27 ta' Awwissu, 2009.

Illi fis-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti naqset milli tnizzel it-talba tal-prosekuzzjoni fin-narrativa tar-reati addebitati lill-appellat imputat.

Minkejja dan in-nuqqas, l-Onorabbli Qorti fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza ghamlet referenza ghall-artikoli 127 u 190, izda xorta wahda naqset milli tordna l-applikazzjoni taghhom fil-piena.

Illi l-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-*

*kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa".*

Illi l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali jghid:
*"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt."*

Illi l-prova li l-appellat imputat Richard Micallef huwa ufficjal pubbliku saret a sodisfazzjoni tal-Onorabbli Qorti permezz tal-appellat imputat ta' nhar l-20 ta' Ottubru, 2006 fejn l-appellat imputat ikkonferma li fil-perjodu tar-reati:
*"kont nahdem bhala Director Corporate Services gewwa l-Awtorita' Dwar il-Medicini. Kont ilni nahdem hemm ghal madwar sentejn u xi xahrejn"*
Kif ukoll permezz ta' Dokument AG8 – *Internal Audit and Investigations Directorate – Financial Investigation Medicines Authority* – li kien ikkomplat minn Charlot Pavia – li jikkonferma l-kariga tal-appellat imputat fil-parti introduttroja tar-rapport.
Kif ukoll permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti stess fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet fejn il-Qorti tikkonferma li din il-prova hija sodisfacenti;
*"L-imputat kien impjegat mal-Awotrita' bhala direttur tal-'corporate services' minn Gunju, 2004..."*
Illi jidher b'mod car li l-Onorabbli Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 90 tal-Kodii Kriminali meta kienet obbligata li tapplika l-interdizzjoni generali perpetwa.
Illi din in-necessita ghall-interdizzjoni generali perpetwa hija kkonfermata mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Mario Cassar fejn l-Onorabbli Qorti stqarret:
*"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni kommessa minn impjegat jew ufficjal pubbliku, il-piena tal-interdizzjoni generali perpetwu ghandu dejjem tizdied mal-piena stabbilita' ghad-delitt. Din id-dispozizzjoni tal-ligi hija precettiva, u mhux fakoltattiva; u ghalhekk il-Qorti ghandha dejjem tapplika l-piena tal-interdizzjoni"*
Illi r-raba` aggravju jikkonsisti illi l-Ewwel Qorti ma applikatx il-piena massima kif stqarret diversi drabi li riedet taghmel.

Illi skond l-artikolu 310(1)(a) il-piena massima ta' prigunerija hija ta' seba' snin:

Illi l-artikoli 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu –*

*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn tlettax il-xahar sa seba' snin;"*

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha stqarret:

*"Fil-fehma tal-Qorti, il-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija vicin tal-massimu..."*

*"Fil-fehma tal-Qorti, il-piena ghal dan ir-reat ghandha tkun dik ta' tlitt snin prigunerija, jigifieri l-piena massima..."*

Illi jidher mis-sentenza illi minkejja li l-ewwel Qorti ddikjarat illi ha tastjeni mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, ibbazat il-piena erronjament fuq il-massimu li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, li huwa ta' sentejn prigunerija u mhux fuq l-artikolu 310(1)(a), ir-reat l-aktar gravi li ghandu piena massima ta' seba' snin prigunerija, (jew almentu l-artikolu 183 li ghandu l-massimuy ta' erba' snin prigunerija jew l-artikolu 127 li ghandu l-massimu ta' sitt snin prigunerija).

Illi r-rizultat ta' dan huwa illi minflok l-ewwel Qorti tat peina fil-massimu kif kellha kull intenzjoni li taghmel, minflok bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) u 18 tal-Kodici Kriminali tat piena fil-minimu, l-inqas possibli!

Illi minn ezami tal-fatti u s-sentenza jidher b'mod car li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli ssib htija fuq it-tieni, it-tielet u s-seba' imputazzjoni, naqset li tapplika l-interdizzjoni generali perpetwa kif ukoll naqset milli taghti piena adegwata vicin il-massimu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-Ligi meta din l-istess Qorti ordnat lill-esponenti sabiex huwa jhallas lill-Awtorita` Dwar il-Medicini s-

somma ta' mija u hamsa u sittin elf Euro ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bir-rispett jinghad li a bazi tal-principju *ubi lex dixit, voluit*, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet legalment timponi fuq l-esponenti l-hlas tas-somma msemmija, stante li l-artikolu supra citat huwa applikabbli biss meta l-Ewwel Qorti tkun trattat mal-hati permezz ta' ordni ta' p*robation*, ordni ta'servizz fil-komunità, ordni ta' *probation* u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi hati ghal kollox. L-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet fuq l-esponenti piena ta' prigunerija effettiva.

Ghandu jinghad ukoll illi, galadarba jidher ben car, u dana anke mid-dicituri obiter tal-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-ammont mertu tal-kawza ma huwiex cert likwidu u dovut, legittimament u ragjonevolment, l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet taghmel tali ordni. Meta l-ammont tad-danni ma huwiex cert, likwidu u dovut, u jidher ben car li hemm kontestazzjoni fuq l-ammont, bhal ma huwa fil-kaz odjern, huwa ferm odjuz li Qorti timponi rifuzjoni ta' danni, u dana skond il-gurisprudenza in materja.

L-gherf tal-gurisprudenza jemergi sabiex jkun applikat l-artikolu 3(3) tal-Kodici Kriminali, sabiex b'hekk Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, ma tigix vestita minn xi parti jew ohra f'dawk il-proceduri b'kompetenzi ta' Qorti ta' gurisdizzjoni Civili. Fin-nuqqas jkunu qedghin jigu erogati lil dik il-Qorti, poteri li mhumiex vestiti lilha mil-ligi u li dawk il-proceduri penali jkunu qedghin jigu stultifikati nutilment. Ghandu jigi msemmi kif, f'kaz li Qorti penali tidhol fil-meritu in fondo, ta' x'jammonta ghal danni u x-m'huwiex, il-hati jbati pregudizzju rreparabbli, li mhux ser jkollu triq sabiex jressaq l-ilment ta' natura civili tieghu quddiem Qorti kompetenti, izda li l-uniku triq li huwa jifdallu huwa proprju li jghabbi lill dina l-Onorabbli Qorti, b'vesti ta' Qorti ta' l-Appell Civili, u bhal ma jkun gara quddiem l-Ewwel Qorti ta' gurisdizjoni penali, tkun din il-Qorti ukoll li qed tigi mitluba sabiex tezercita` poteri li mhumiex fil-kompetenza taghha.

L-esponenti bir-rispett jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li sahqet fuq is-serjeta` tal-kaz odjern, u sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv tal-esponenti, bi pregudizzju ghall-istess Awtorita` Dwar il-Medicini. L-interess pubbliku fil-kawza odjerna ma huwiex limitat biss ghal fatt li min kiser il-ligi, jpatti ghal ghemilu, izda ukoll li l-istess danni sofferti jkunu mhallsa lura. Meta wiehed jqis li l-esponenti ghandu hamsin sena u li huwa ferm difficili ghal persuna ta' din l-eta` li ssib impjieg f'cirkostanzi normali, aktar u aktar huwa difficili ghal persuna ta' din l-eta` li jsib impjieg wara li jkun skonta piena ta' prigunerija effettiva, b'sogru li l-Gvern ta' malta jibqa qatt ma jithallas lura. L-esponenti fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti semma kif illum il-gurnata huwa ghandu mpjieg, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs John Farrugia"[1], fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' tlett snin imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Fil-kawza fl-ismijiet "il-Pulizja vs Carmen Buttler", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

[1] Deciza 25.04.06

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlot Aquilina", deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta'Probation*.

Il-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenzi "Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia"[2],, u fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Farrugia"[3], kompliet sabiex ikkristallizat aktar dan il-punt.

L-esponenti jikkontendi, li fil-kaz tieghu, l-hekk imsejha *window of opportunity*, sabiex jaghmel tajjeb ghal ghemilu, ma ghandhiex tinghalaq minn Qorti u dana fl-ahjar interess pubbliku suprem.

Ikkunsidrat,

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-imputat hassewhom aggravati mid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti u interponew appell mill-istess, bl-appellant jilmenta illi l-piena erogata kienet wahda eccessiva tenut kont li din kellha tkun wahda li tohloq bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal-hati. Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali jillimita l-appell tieghu ghar-rigward ta' dik il-parti tad-decizjoni fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u it-tielet imputazzjonijiet u fejn illiberat lill-appellanti mis-seba imputazzjoni u allura qed jitlob dikjarazzjoni ta' htija ukoll fir-rigward ta' dawn l-akkuzi. Minn dan allura, din il-Qorti tifhem illi l-partijiet ma humiex iqieghdu in kontestazzjoni il-fattispecje ta' dan il-kaz.

[2] Deciza fid-09.10.08
[3] Deciza fit-18.01.01

Illi jkun ghaqli qabel xejn illi jigu investiti l-lanjanzi ventilati mill-Avukat Generali billi dawn jolqtu direttament uhud mill-imputazzjonijiet li gew imressqa kontra l-appellanti/appellat u id-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti dwar l-istess. Illi l-Avukat Generali isib oggezzjoni ghal fatt illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset illi it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet ta' frodi u ta'l hekk imsejjah '*peculato*' jew '*embezzlement*' li l-ligi tiddefinieha bhala s-serq minn ufficjal jew impjegat pubbliku, kienu akkuzi alternattivi ghal dik tal-misapproprjazzjoni u allura astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess. Jishaq l-Avukat Generali illi l-elementi legali li isawwru dawn ir-reati huma differenti u distinti minn xulxin u li allura kellha tinstab htija ghal kull wahda minnhom.

Illi mill-atti probatorji ghandu johrog illi l-appellanti/appellat, li fiz-zmien indikat fl-akkuza kien jokkupa il-kariga ta' Director Corporate Services, fi hdan l-Awtorita dwar il-Medicini kien qed jikri vetturi mis-socjeta Meli Car Rentals Limited ghall-uzu personali tieghu minghajr id-debita awtorizazzjoni ta'l-Awtorita', kif ukoll kien qieghed jittrasferixxi flejjes appartenenti lill-Awtorita gewwa kont bankarju mal-bank HSBC taht l-isem Manage-a-Team Limited fejn l-appellanti/appellat kien wiehed mid-diretturi. Fl-ewwel xenarju huwa kien kera zewg vetturi ghall-uzu personali tieghu u tal-mara tieghu, filwaqt illi fit-tieni kaz huwa kien jimla cekkijiet mahruga fuq il-kont bankarju ta'l-Awtorita billi johloq pagament fittizju lil kreditur li ma jezistix. Imbaghad kien jiffalsifika il-firma tal-*payee* fuq in-naha ta' wara tac-cekk u sussegwentment jiddepozita l-istess cekkijiet fil-kont imsemmi. B'kollox l-appellanti/appellat ghamel qligh minn dawn l-operazzjonijiet ta' madwar 165000 ewro.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Patricia Vella Bonanno ghan-nom ta'l-Awtorita gie ikkonfermat illi l-appellanti/appellat kien impjegat fil-kariga ta' Director Corporate Services fi hdan l-Awtorita dwar il-Medicini sa mis-sena 2004 u kien responsabbli mill-finanzi. L-appellanti/appellat ma jikkontestax dawn il-fatti meta jixhed quddiem l-Ewwel Qorti izda ighid li kien kostrett jiehu dawn il-flejjes indebitament minhabba problemi finanzjarji personali li kellu.

Premessi din l-impunjattiva mressqa 'il quddiem mill-appellanti, Avukat Generali, fid-dawl tal-fattipsecje tal-kaz huwa indubitat illi l-appellanti/appellat li fil-kariga tieghu bhala Director Corporate Services kellu fdati f'idejh il-finanzi ta'l-Awtorita sabiex jigu effetwati l-pagamenti lill-kredituri ta'l-Awtorita, dawwar dawk il-flejjes bi profitt ghalih innifsu billi iffalsifika cekkijiet mahruga f'isem l-Awtorita u iddepozita l-istess f'kontijiet bankarji personali tieghu u dan meta adopera mezzi frawdolenti sabiex jikkonvinci lil persuna inkarigata fi hdan l-Awtorita tawtorizza illi isiru il-pagamenti infraskritti fl-imsemmija cekkijiet. Mhux biss izda kien jikri il-vetturi ghall-uzu personali tieghu minn flejjes ta'l-istess Awtorita'. Fil-fehma ta'l-Avukat Generali izda il-fattispecje ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fl-elementi legali mehtiega sabiex jissussistu t-tlett reati imfissra fl-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti/appellat biex b'hekk l-akkuzi ma humiex alternattivi ghal xulxin u allura kellu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghat-tlett reat bl-applikazzjoni tal-kuncett tal-konkors formali ta'l-istess.

Issa sabiex akkuzi jew imputazzjonijiet jinqraw bhala li huma alternattivi ghal xulxin dawn iridu jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment, biz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor.

Fir-reat tal-frodi jew truffa jigi adoperat l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali u dan sabiex it-truffatur jew frodatur li jinganna jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Dan ghaliex il-frodatur bil-mezzi frawdolenti adoperati minnu igieghel lil vittma tieghu tiddisponi mill-patrimonju taghha biex b'hekk il-kunsens tal-vittma jigi karpit b'mod frawdolenti biex titlaq minn taht idjeha il-proprjeta taghha.

***"…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu***

***frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….[4]"***

Fir-reat ta'l-approprjazzjoni indebita imbaghad it-trasferiment tal-pussess tal-oggett mobbli mis-suggett passiv ghas-suggett attiv tar-reat ikun sar b'mod volontarju ghal ghan specifiku in forza ta' ftehim bejn dawn t-tnejn minn nies, izda l-awtur tar-reat minflok li jaghmel uzu ta' dak l-oggett mobbli ghal ghan specifikat fil-kuntratt milhuq bejn il-partijiet, japproprjah ghalih innifsu daqslikieku kien is-sid u bi vjolazzjoni ta' dak il-kuntratt jaghmel uzu divers minnu sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu.

Issa mix-xhieda ta' Dr. Patricia Vella Bonanno ghan-nom ta'l-Awtorita ma jirrizultax illi l-appellanti/appellat kien awtorizzat jaghmel xi hlasijiet f'isem l-istess Awtorita, ghalkemm kien jiehu hsieb il-finanzi ta'l-istess. Fil-manzjonijiet riposti f'idejn l-appellanti/appellat kien hemm dik illi huwa jiehu hsieb jara x'inhuma l-pagamenti dovuti ghan-nom ta'l-Awtorita lil terzi kredituri, izda mhux li jawtorizza l-hlas taghhom. Issa l-appellanti/appellat jidher li kien jiehu hsieb jikteb ic-cekkijiet f'isem kredituri fittizji, ighaddiehom lis-superjur tieghu certu Tonio Cassar sabiex dan ta'l-ahhar jawtorizza il-hrug tal-pagament, imbaghad wara jiffalsifika il-firma ta'l-istess kredituri biex dawn ic-cekkijiet jigu iggirati favur tieghu u iddepozitati fil-kont bankarju tieghu. Huwa indubitat allura illi hawnhekk kien hawn ukoll l-uzu ta' raggiri u artifizji li wasslu biex l-Awtorita tigi ingannata tant illi l-firmatarju awtorizzat ta' cekkijiet impjegat mal-Awtorita certu Tonio Cassar gie indott jawtorizza dawn il-hlasijiet taht l-impressjoni illi kellhom isiru hlasijiet lill-kredituri infraskritti fl-istess cekkijiet. Mhux biss izda sahansitra l-appellanti kien ukoll f'okkazzjonijiet partikolari ibiddel l-isem tal-*payee* wara li c-cekk ikun gie iffirmat u awtorizzat ghal hlas minn Cassar.

---

[4] 22 ta' Frar 1993, AppKrim Il-Pulizija vs Charles Zarb

Illi fuq id-distinzjoni li tezisti bejn ir-reat tal-approprjazzjoni indebita u l-frodi titkellem id-decizjoni Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis fejn hemm superjorment mghallem illi:

*"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann.*

*Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu.*

*Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio".*

*Minhabba din l-affinita guridika u naturali taz-zewg reati, jekk l-appellant ikkonverta fi profitt tieghu l-flus fdati lilu ghall-impjieg determinat billi approprja ruhu minnhom, din il-Qorti ma tistax tilliberah , ankorke kellha tkun ta'l-opinjoni illi l-pussess tal-flus gie minnu ottenut permezz ta' ngann taht forma ta' pretest li jadoperahom skond ix-xewqa ta' min fdahomlu f'idejh"*[5]

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar x'kienu ezattament il-manzjonijiet ta'l-appellanti fi hdan l-Awtorita u hija biss

---

[5] Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis – App.Inf. (12/12/1959), ara ukoll Il-Pulizija vs Edwin Petroni et deciza 09/06/1998

ix-xhieda ta' Dr. Patricia Vella Bonanno li tixhet ftit tad-dawl fuq dan l-element tant importanti sabiex jissussiti r-reat tal-misapproprjazzjoni. Issa l-Ewwel Qorti qieset illi l-appellanti ghaliex kien responsabbli mil-finanzi kellu jinstab hati ghal dan ir-reat. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu ghalkemm l-appellanti/appellat jidher illi kien jiehu hsieb il-finanzi ta'l-Awtorita billi anke jara liema huma l-kredituri ta'l-Awtorita u ihejji il-karti u d-dokumenti kollha sabiex isiru il-hlasijiet necessarji, madanakollu ma jidhirx illi kien awtorizzat sabiex jaghmel dawk il-hlasijiet u allura ma jistax jinghad illi huwa gie mghoddi il-flus ta'l-awtorita sabiex jaghmel xi uzu minnhom partikolari. Kwindi mil-fattispecje tal-kaz jirrizulta illi l-appellat mhux biss abbuza mil-fiducja fdata lilu fil-kariga li kien jokkupa bhala dik il-persuna li tiehu hsieb l-aspett finanzjarju ta'l-Awtorita, izda ukoll adopera mezzi ta' ingann sabiex japproprja ruhu indebitament minn flus l-Awtorita', biex b'hekk f'dan il-kaz partikolari, fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jinghad illi jikkonkorru l-elementi legali taz-zewg reati. Illi r-reat jinkwadra ruhu ukoll f'dak mahsub fl-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali gjaldarba l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo:

"*Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain*." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding:

***"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."***

Imfassla il-principji ta' dritt li isawwru ir-reati u imqabbla mal-fattispecje ta' dan il-kaz partikolari, ma jirrizultax allura li hemm kontradizzjoni la legalment u lanqas fattwalment sabiex jista' jinghad illi l-imputazzjonijiet jistghu jitqiesu alternattivi

ghal xulxin, izda din il-Qorti tqies illi l-Avukat Generali ghandu ragun meta ighid illi hawnhekk hawn il-konkors formali tar-reati bl-istess fatti u determinazzjoni kriminuza jaghtu lok ghal kummissjoni ta' iktar minn reat wiehed, reati konnessi ma' xulxin li jaqghu taht il-kappa tar-reati ekonomici. Kwindi dak li kellha taghmel l-Ewwel Qorti kien li issib htija ghar-reati migjuba kontra l-appellat, izda bl-erogazzjoni tal-piena ghar-reat l-aktar gravi u cioe' dik mahsuba fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali li fiz-zmien li gie kommess ir-reat kienet dik tal-prigunerij bejn tlettax-il xahar u seba' snin li ghandha tizdied bi grad minhabba l-kontinwita' tar-reat kif hemm imfisser fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, liema piena del resto hija dik mahsuba kemm ghar-reat ta'l-approprjazzjoni indebita kif ukoll tal-frodi.

Fit-tieni aggravvju minnu intentat l-Avukat Generali jilmenta illi l-appellat/appellanti ma setax jigi illiberat mis-seba' imputazzjoni u cioe' dik illi ir-reat gie kommess waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, billi l-imputazzjonijiet jirreferu ghaz-zmien ta' '**Settembru 2006 u ix-xhur ta' qabel'** u is-sentenza li ghaliha tirreferi dina is-seba imputazzjoni inghatat fit-18 ta' Jannar 2006 fejn l-appellanti gie ikkundannat ghal perijodu ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Issa l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellat minn dina l-imputazzjoni billi kienet tal-fehma illi ghalkemm l-appellat gie akkuzat bil-kontinwita tar-reat, madanakollu kienet tal-fehma ukoll illi mil-provi li kien hemm fl-atti kien jirrizulta illi l-ewwel att ta' infrazzjoni tal-ligi sehh fi Frar 2005 u ghalhekk zmien twil qabel ma giet moghtija s-sentenza sospiza indikata fl-akkuza. Illi anke hawnhekk l-Avukat Generali ghandu ragun. Ibda biex l-appellat gie misjub hati ta'l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu bil-kwalifika taz-zmien b'kollox. *Di piu'* ghalkemm jista' jkun minnu illi l-ewwel infrazzjoni sehhet fi Frar 2005, madanakollu billi kien hemm il-kontinwita' tar-reat, kienet qed isehh kull darba infrazzjoni gdida ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi bl-istess risoluzzjoni kriminuza. Kwindi l-Ewwel Qorti kellha titratta mal-appellat ghal ksur tas-sentenza sospiza kif qed jippostula l-Avukat Generali f'dan l-aggravvju. Kif ghandu ragun ukoll dwar l-applikazzjoni ta'l-artikolu 190 tal-Kodici

Kriminali bhala zieda ta' l-interdizzjoni generali perpetwa ta'l-appellat mal-piena erogata, gjaldarba l-appellat gie misjub hati tar-reat ta' falsifikazzjoni gjaldarba jidher bhala fatt inkontestat illi huwa kien impjegat mal-Awtorita dwar il-Medicini, li hija awtorita imwaqqfa mil-Gvern u kwindi l-appellat jikkwalifika bhala ufficjal pubbliku

Fil-fatt l-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali jaghti din bhala definizzjoni ta' min hu meqjus bhala ufficjal pubbliku:

*"Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra."*

Illi finalment l-appellant Avukat Generali jilmenta dwar in-natura tal-piena inflitta mil-Ewwel Qorti ghal mottiv li din il-Qorti mal-ewwel tistqarr li ma ghandha l-ebda bazi legali. Billi l-Ewwel Qorti stqarret fid-decizjoni taghha illi kienet ser tinfliggi piena li tqarreb lejn il-massimu, meta dik ta' tlett snin prigunerija kienet aktar tqarreb lejn il-minimu, allura fil-fehma ta'l-Avukat Generali huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti kienet indotta fi zball meta ma erogatx piena li hija vicin il-massimu. Issa huwa indubitat illi –piena erogata mil-Ewwel Qorti hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, billi il-piena li tapplika f'dan il-kaz hija dik mahsuba fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali li issib applikazzjoni ukoll ghar-reat tal-approprjazzjoni indebita li taghha l-appellat instab hati mill-Ewwel Qorti. Dan qed jinghad billi din il-Qorti ghalkemm ser tvarja id-decizjoni impunjata u ser issib htija ukoll ghar-reat ta' frodi, madanakollu billi kif inghad jezisti il-konkors formali tar-reati kwindi l-piena li ghandha tigi erogata hija xortawahda dik mahsuba fl-artikolu tal-ligi appena iccitat. Issa l-artikolu 310(1)(a) fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kien jitkellem fuq piena ta' prigunerija ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin u dan b'applikazzjoni ukoll ta'l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-reati l-ohra tal-falsifikazzjoni, liema piena b'applikazzjoni ta'l-artikolu 18 ghandha tizdied

minn grad sa tnejn. Kwindi huwa evidenti illi l-piena ta' tlett snin prigunerija taqa fil-parametri tal-ligi, bl-Avukat Generali allura ma ghandux ragun f'dan l-aggravvju minnu intentat.

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni dwar il-*quantum* tal-piena li kellha tigi erogata f'dan il-kaz, jifdal biex finalment jigi itrattat l-uniku aggravvju li jressaq l-appellanti/appellat dwar in-natura tal-piena inflitta. Issa mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation u anke mil-atti ta' dan l-appell jirrizulta illi l-appellanti/appellat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex ihallas lura il-flus kollha mehuda minnu indebitament. Dan ifisser illi l-inkarcerazzjoni mhijiex ser tilhaq dan l-ghan mixtieq mhux biss mill-imputat izda ukoll mill-vittma ta' dan ir-reat u cioe' l-Awtorita dwar il-Medicini li lahhqet ftehim mal-appellanti li jirrifondi dawn il-flejjes f'pagamenti mensili ta' 1333.33 ewro fix-xahar. Illi ghalkemm huwa minnu illi quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanti/appellat qatt ma beda jaghmel ebda hlas u allura inghatat il-piena tal-habs effettiv, madanakollu fil-mori ta' dan l-appell saru passi kbar 'il quddiem bl-appellanti/appellat jiffirma skrittura ta' kostituzzjoni ta' dejn mal-Awtorita' biex ihallas lura il-flejjes dovuti f'pagamenti mensili, liema obbligu huwa qed jonora skrupolozament b'pagamenti fix-xhara oltre dak li gie pattwit. Dan jirrizulta minn diversi ricevuti esebieti in atti ta' hlasijiet li diga' saru li sal-lum ilahhqu l-ammont ta' €43,661. Ipprezentata illum b'dawn il-fatti u imsahha bir-rapport maghmul mil-Ufficjal dwar il-Probation, din il-Qorti hija tal-fehma illi piena ta' inkarcerazzjoni ser iservi f'dan il-kaz ta' aktar hsara milli ta' beneficcju mhux biss ghall-appellanti/appellat, izda fuq kollox ghal parti leza billi jekk l-appellanti/appellat jispicca il-habs, ovvjament il-pagamenti ser jieqfu u l-Awtorita' tibqa' ma tithallasx lura il-hsara li sofriet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell ta'l-Avukat Generali, tilqa' ukoll l-appell ta'l-imputat, tghaddi ghalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat hati ta'l-ewwel, r-raba', il-hames u is-sitt imputazzjonijiet, izda tirrevokaha fil-bqija b'dan ghalhekk illi l-imputat qed jinstab hati tat-tieni, it-tielet u is-seba' imputazzjonijiet, tvarja ukoll il-

piena inflitta billi minflok dik ta' tlett snin prigunerija, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum. Wara li rat l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa ta'l-hati. Wara li rat ukoll l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati ihallas lill-Awtorita dwar il-Medicini il-bilanc rimanenti ta' €121,339 f'rati mensili ta' €1333.33 fix-xahar u dan skont il-ftehim esebiet in atti a fol.147 u dan fi zmien disgha snin mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali tordna illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar 2006 ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena ghandu jerga' jibda jidekorri mil-gdid mil-lum.

Finalment, il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, l-effetti tal-ordni, u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur